MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru 395/2004

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
ALI IBRAHEM ELDESSWOUKI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ali Ibrahim Eldesswouki, ta’ 29 sena, iben Ibrahim u Amelsad Nee’ Bedr, imwieled l-Egittu fil-15 ta’ Jannar 1975 u residenti ‘Jessie’, Triq Wigi Rosato, Bormla. Numru tal-passaport 1137376. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 19505(R).

U akkuzat talli f’Bormla nhar il-gimgha 21 ta’ Mejju 2004, ghall-habta tal-11:30pm minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Zbaida Salem ta’ nazzjonalita’ Libjana, f’periklu car li hebb ghall-istess Zbaida Salem bi strument li jaqta’ jew iniggez u li kkagunalu feriti ta’ natura hafifa

skond ma kien ccertifika Dr. G. Schembri, Casualty Department Sptar San Luqa;

Akkuzat ukoll talli, fl-istess lok, data u hin, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' jew iniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, lok u hin ikkaguna hsara volontarja ta' iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) fuq zewg vetturi bin-numri ta' registrazzjoni FBL652 u JAM358 rispettivament ghad-dannu ta' sidhom;

Akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'xi mod iehor;

Akkuzat ukoll, talli, fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Semgha x-xhieda bil-gurmament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat. (ara a fol.221)

Rat il-Verbal a fol.222 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni fejn jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' PS 1428 Jesmond Delia a fol.11 (et seq), irrizulta illi fil-21 ta' Mejju 2004 ghal habta tal-11:00 waqt li kien ghassa rcivew telefonata fejn gie rrapurtat illi kien hemm glieda fi Triq Wigi Ruzarju, Bormla, fejn il-persuni kienu qeghdin jissultu bis-skieken. PS 1428, mar fuq il-post u sab lill-imputat li kien qieghed barra fil-bieb ta' omm il-mara tieghu, (cioe, li qeghdha stess fi Triq Wigi Ruzarju Briffa), u kien hemm konfuzjoni u gegwigija ta' nies barra, u fejn din id-dar. PS 1428 ta struzzjoni lill-imputat biex jibqa' go din id-dar, sakemm hu mar ikellem

lil certu Salem Zbaida ta' nazzjonalita' Libjana li kellu ferita f'idu x-xellugija u ohra f'sieqJu. PS 1428 xehed illi sab lil Salem mimli demm, u prova jikkalma lilu u lil mara tieghu wkoll il-ghaliex il-mara tieghu ried tinzel biex tkompli tiggieled mal-familjari ta' l-imputat. PS 1428 talab ghall-aktar assistenza mill-pulizija. PS 1428 xehed illi Salem kellu tbengila wkoll fuq ghajnejh il-leminija, u gie mittieghed l-isptar permezz ta' l-ambulanza. Sakemm gie l-ambulanza, Salem informa lil PS 1428 illi huwa kien qieghed jixrob l-inbid fuq l-ghatba ta' barra tal-flats tieghu, u li l-imputat kien gie ifittex persuna li kienet qed toqghod fi flat number 2 u 3, u ghalkemm mar iffittixha xi tlett darbiet dan ma sabiex. Illi waqt li kien hemmhekk, l-imputat qabad il-flixkun ta' l-inbid li kellu f'idejh Salem, xorob minnu u mbghad faqqaw mal-hajt. Salem informa lil pulizija li hu kien talab lill-imputat jghidlu il-ghaliex ghamel hekk, u dan qallu 'issa nixtrilek wiehed'.

"Fid-daqqa u l-hin, l-imputat hareg sikkina, u beda jxejjirli biha fejn laqatni f'idi u f'sieqi. Jien bdejt inzommu izda hu beda' jaghtini bir-ras fejn hadni fuq ghajni l-leminija. Hu dahal gewwa u jien mort lura d-dar. Fejn gew il-pulizija u sabuni barra fit-triq."

Prezenti ghal dan l-incident kien hemm ukoll Nadia, il-partner ta' Salem, illi kienet pregnant, u filfatt ftit wara korrit. Salem u Nadia ttiehdu t-tnejn bl-ambulanza. L-Ispettur sejjah inkjesta Magisterjali. Il-pulizija mbghad hadet l-istqarrija ta' l-imputat.

L-imputat ammetta illi huwa kien ha l-flixkun ta' l-inbid minn idejn Salem, u wara kissru mal-hajt, u li meta Zbaida qallu il-ghaliex kien ghamel hekk, huwa wiegbu illi kien lest li jixtrilu iehor. Minn hemmhekk l-imputat stqarr illi mar id-dar tieghu. Ftit wara sema' t-tahbit fuq il-bieb u sab lil Zbaida barra l-bieb u kien hemm haddiehor mieghu. L-imputat xehed illi Zbaida kellu sikkina f'idu u li kif ra hekk, l-imputat intilef, hataf sikkina u xejjer daqqa f'id ix-xellugija ta' Zbaida. Scene of Crime Officers gabru s-sikkina li nstaghbet taht vettura fl-inhawi, kif ukoll il-hwejjeg li kien liebes l-imputat. A fol.14 PS 1428, xehed sussegwenti:

“Min fuq il-post kien hemm xi nies, waqt illi kont qed nipprova nikkalma s-sittwazzjoni, illi raw lil ferut, b’sikkina kbira, u rajt li nizel ghall-imputat li qabghad mal-karozza u beda jaghti fuq il-karozza, wara li ma hax qiesu, sodissfazzjon. U dan beda jaghti mal-karozza, sab karozza fit-triq u taha biha. Fuq kif indunaw biha n-nies, imbghad rema s-sikkina, pero’ hu, l-iehor innega mieghi illi ghamel hekk. Qalli ‘Mhux vera’”.

PS 1428 xehed illi mill-informazzjoni li gab fil-hin ta’ l-incident, sab illi kien Salem Zbaida, cioe il-ferut illi ikkawza l-hsara lil karozza FBL652. L-imputat ma kellux griehi ghajr illi kellu girfa zghira f’idejh, bejn is-swaba. Ic-certifikat ta’ Dr. Schembri, fl-emrgenza ta’ l-isptar San Luqa, l-pulizija gew infurmati illi l-griehi ta’ Salem Zbaida huwa ta’ natura hafifa u sarulu diversi punti fil-feriti li garrab. PS 1428 xehed illi sid il-vettura FBL652, kienet certu Loraine Galea minn Haz-Zabbar li nfurmat lil pulizija dwar dak kollu li gara. PS 1428 ezebixxa Dok.PS, l-okkorrenza a fol.17 executur.

Spettur Alfred Mallia a fol.21. xehed illi d-data citata fic-citazzjoni b’noti infurmat illi kien hemm glieda bi skieken bejn zewg barranin. F’Bormla. L-ispettur Mallia xehed illi l-ewwel verzjoni illi l-imputat kien ta lis-Surgent kienet illi s-sikina ma kienitx tieghu u hu ma kienx jaf kif giet ghandu u kien uzaha fuq il-kwerelant. Meta rrilaxxa pero’, l-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta illi kien ha l-flixkun ta’ l-inbid minn idejn il-kwerelant. Kien kissru, wara li xorob minnu u imbghad mar id-dar, u gie segwit mill-kwerelant, li ippretenda flixkun inbid iehor dak il-hin stess. L-imputat stqarr illi huwa kellu sikkina li dejjem igorrha fuqu, ta’ daqs bejn sitta u tmein pulzieri, u li kien uza din is-sikkina fuq il-kwerelant. Is-sikkina illi uza l-imputat ma gietx moghddiha lis-SOCO, izda l-imputat qal li ghadda lil pulizija, sikkina simili illi kienet fil-pusess tieghu. Ghar-rigward tas-sikkina illi nstaghbet taht il-vettura, l-imputat baqa’ jghid illi dik ma kinietx is-sikkina illi uza hu. Mitlub biex jghid ir-raguni ghaliex agreddixxa lil kwerelant, l-imputat stqarr is-segwenti:

“Jiena u l-mara tieghi dejjem nghidulu illi konnha ser ingibulu flixkun inbid sabiex jitlaq ‘l hemm. Huwa baqa’ hemm jimbotta lil mara. Hu prova jidhol gewwa u jiena qbizt b’rabja u tajtu bis-sikkina.” (ara xhieda a fol.22 u xhieda ta’ l-istqarrija Dok.AM a fol. 24)

Ir-rigward tal-hsarat fuq il-vettura, l-imputat stqarr is-segwenti:

“Ghamilt hsara fuq il-vettura li kienet ipparkjata? Iva naf waqajt fuqha u lest li nhallas kull hsara li hemm.” (stqarrija giet ezebita a fol. 24 Dok.AM).

Gie ezebiet ukoll Dok.AM1 li huwa certifikat, mahrug mill-emergenza ta’ l-Isptar San Luqa, rigwardanti l-griehi ta’ Salem Zbaida, liema griehi gew ikklassifikati bhala ‘slight’.

PC 1496 Godwin Farrugia kkonferma l-istqarrija Dok.AM u f’prezenza tieghu, d-difiza.

Salem Zbaida a fol.39 xehed illi fid-data ndikata fic-citazzjoni ghal habta ta’ xi l-9:45p.m. waqt li kien bil-qeghda fil-bieb tal-flat tieghu, gie l-imputat (li gie ndikat bhala l-imputat prezenti fl-awla), jistaqsi ghal persuni illi joqghod f’wiehed mill-appartament tal-block tieghu. Xehed illi huwa informa lill-imputat illi ma kienx rah.  Zbaida xehed ukoll illi huwa jaf lill-imputat il-ghaliex, l-imputat kien hadimlu xi xoghol ta’ plumbing fid-dar tieghu. Zbaida xehed illi l-imputat kien jidher bin-nervi u kellu aptit jixrob, u li huwa qabad il-flixkun ta’ l-inbid minn idejn Zbaida u beda jixrob minnu. F’mument minnhom, Zbaida xehed illi prova jiehu l-flixkun ta’ l-inbid lura, izda l-inputat baqa’ jzommu bis-sahha, u wara dan sabbat il-flixkun mal-hajt, kissru u telaq. Salem Zbaida xehed illi huwa pprova jkellem lill-imputat biex jiehu l-ispjegazzjoni ghalfejn ghamillu hekk, u l-imputat irrispondieh illi ser jixtrilu flixkun inbid iehor. Salem pero’ baqa jinsisti illi l-imputat ghandu jiknes u jigbor il-hgieg kollu li kien hemm quddiem il-bieb tal-flat tieghu.

“Dahal, hareg, ippruvat izzommu l-mara tieghu, qabez il-grada u gie fuqi b’sikkina mall-ewwel.” (ara xhieda a

fol.40). Il-kwerelant indika li kien qala’ daqqa ta’ sikkina minn spallejh sal-minkeb, u ohra f’idejh ix-xellugija. Minkejja illi Zbaida qal li prova jikkalma lill-imputat, u anka kellmu bil-lingwa tieghu, l-imputat tah daqqa ohra ta’ sikkina u laqqtu fuq il-minkeb. Minn hemmhekk imbghad spiccaw ma’ l-art fejn l-imputat tah daqqa ohra ta’ sikkina fuq siequ. Hemmhekk intervenit il-mara ta’ l-imputat, il-kunjata u xi nies, u ferquhom in nies. L-imputat dahal jigri gewwa, hareg mit-tieqa tal-kamra tal-banju u beda jaghjjat u jwerzaq. Il-pulizija minn hemmhekk gew fuq il-post, u kkalmaw is-sittwazzjoni. Salem Zbaida xehed illi b’ebda mod ma aggredixxa lill-imputat, u l-unika haga li ghamel kienet li beda’ jzommlu s-sikkina biex jipprova jiddefendi ruhu.

Giet ezebita l-imkjesta Dok.AMZ li tinstghab a fol.44

PC 1252 Paul Debono kkonferma illi kien ha rapport minn mara ecitata hafna, illi kien hemm glieda bi skieken fi Triq Wigi Ruzarju Street, Bormla. Is-Surgent kien acceda fuq il-post waqt illi huwa kien cempel lid-Depot halli jibghatu l-assistenza.

Christopher Darmanin, bhala raprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji u t-Testijiet tal-Vetturi, ikkonferma illi ghamel ricerka fuq zewg karozzi, JAM 358, Fiat Punto, ta’ kulur beige, li tapartjeni ghal certu Dennis Bonnett 205 Triq San Mikiel, Bormla, numru akkwerenti ta’ 77384(M). waqt illi t-tieni vettura FBL 652, ghamla Suzuki Alto’, ta’ kulur blue, tappartjeni ta’ Loraine Galea, numru akkwerenti ta’ 482881(M).

WPC 123, ikkonfermat illi l-imputat ma ghandux licenzja ta’ kummissarju tal-pulizija, sabiex igorr kwalunkwe tip ta’ arma.

Gie ezebit process verbali Dok.AM a fol.63 et seq.

Mary Grech a fol.64, illi tigi l-kunjata ta’ l-imputat, xehedet illi hija kienet gewwa qed tahsel in-neputi taghha, u ftit wara kienet semghat l-ghajjat. Grech xehedet meta harget semghat illi l-kwerelant kien qed joffendi lill-imputat bil-

familja tieghu, imbghad bdew jiggieldu u telqithom. Grech xehedet illi ma ratx ebda sikkina, f'idejn l-imputat jew f'idejn Zbaida. Lanqas ma rat xi dmija fuq l-imputat jew il-kwerelant. Saret taf illi intuzaw is-skieken biss wara l-incident. Stqarret illi hi u t-tifla taghha bdew jaqqbdu lill-imputat biex idahhluh gewwa.

Giet ezebita sentenza a fol.86, flimkien ma sentenza ohra a fol.88 fil-konfront ta' l-imputat.

Robert Bugeja a fol.94, prezenta process verbal bhala Dok.RB.

Dr. Mario Xerri a fol.95 ikkonferma illi huwa ezamina lil Zbaida, ha xi ritratti u pprezenta r-relazzjoni tieghu, Dok.MX a fol.97. u kkonferma a fol.112 sussegwenti;

"Li dawn il-lezjonijiet huma medikalment ta' natura hafifa, u li l-lezjonijiet suturati (sutured lesions) ta' l-aspett laterali tad-drieghi tax-xellug thalli cikattrici permanenti vizibbli."

Mary Grace Eldesswouki li xehedet quddiem l-inkjesta' a fol.124 tghid illi dakinhar ta' l-incident hija harget l-iskart barra minn darha, u teghlat biex tkellem lil zewgha ("Kien maghruf bhala 'Sammy'"), l-imputat, u qaltlu sabiex jinzel lura sad-dar. Izda hu kien baqa' hemm. Imbghad semghat hoss ta' flixkun jinkiser u rat lil zewgha bil-flixkun ta' l-inbid imkisser f'idu. Gie warajh il-kwerelant, u beda' jghidlu "Mur ixtrili l-flixkun ta' l-inbid li int kissirtli." Imbaghad bdew joffendu lil xulxin. Meta wasslu quddiem il-bieb tad-dar taghha huma bdew jaghtu, harget il-mama taghha u waqfithom. Xehdet illi hija rat lir-ragel taghha bid-dmieghha fuqu.

Mary Grech a fol.125, xhedet fl-inkjesta u kienet qalet li harget barra, meta semghat l-ghajjat barra, semghat ukoll lil kwerelant jghid lill-imputat biex jixtrilu l-inbid. Filwaqt illi l-imputat beda jirrispondih, "Min fejn tridni nixtrilek l-inbid issa?" Li imbghad bdew jaghtu u hi nizzlet biex tferraqhom.

A fol.125 tghid, “Jien rajt id-demm ma’ l-art izda ma rajtx min kien midrub. Armi ma rajt f’idejn hadd.”

PS 198 Arthur Debattista, ipprezenta ir-rapport tieghu Dok.P a fol.128.

Adel Dawwah a fol.146 xehed illi huwa ma ra xejn ghaliex ma kienx prezenti waqt l-incident.

Loraine Galea a fol.149 ikkonfermat illi hija s-sid tal-vetturi Suzuki Alto’, numru ta’ registrazzjoni FBL 653 u li l-istima tal-hsarat illi garrbet il-karozza taghha fir-rigward ta’ din l-akkuzi hija ta’ Lm460.20. U ezebiet Dok.LG a fol.152 illi hija stima.

Dennis Bonnett a fol.153, ikkonferma illi huwa s-sid il-vettura, Fiat Panda 358, bin-numru ta’ registrazzjoni JAM 358, u stqarr illi huwa ma kien qed jippretendi xejn minghand l-imputat.

Robert Cardona a fol.158, ezebixxa l-analizi tieghu Dok.RC. Ikkonferma l-konkluzjonijiet, hemm raggiunti.

Dr. Goddfrey Gabriel Schembri a fol.210 ikkonferma ic-certifikat irrilaxxat minnu Dok.AM1 a fol.26 tal-process. Ikkonferma ili l-griehi kienu ta’ naruta hafifa, u li kienu gew ezegwiti minn strument li jaqta’ u bil-ponta.

Ikkonsidrat;

Illi mill-fatti fuq esposti, b’mod specjali, minn dak li rrizulta’ mill-istqarrija ta’ l-imputat Dok.AM a fol.24, u 25, din il-Qorti tifhem illi l-imputat ghamel ammissjoni piena ta’ dak kollu li gara. Ammetta illi huwa aggredixxa lil Zbaida permezz tas-sikkina tieghu, u tah almenu zewg daqqiet bis-sikkina u kkagunalu griehi estensivi kif jidher mir-ritratti u mir-relazzjoni ta’ Dr. Mario Scerri. Illi r-raguni il-ghaliex l-imputat iddecieda wara li xorob mill-flixkun ta’ l-inbid ta’ Zbaida u qabad u kissirlu l-flixkun, hija wahda illi ftit taghmel sens. L-imputat stqarr illi huwa qabad u kisser l-inbid halli l-kwerelant ma jibqax jixrob, “Ghax jekk jixrob jibda’ jdejjaq u jitkessah man-nies. Ghalhekk kissirtu l-

flixkun.” (ara stqarrija a fol.24). Illi l-imputat fl-istqarrija Dok. AM, qal illi huwa ta lill-kwerelant bis-sikkina il-ghaliex, “Huwa baqa’ hemm jimbotta lil mara u prova jidhol gewwa. U jiena qbizt il-grada u tajtu bis-sikkina.”

Din il-Qorti rat il-mod kiesah u biered li bih irrilaxxa l-istqarrija tieghu fuq dak kollu li ghamel. In fatti, il-mod kalkolat li bih ta r-rakkont tieghu: ta kif aggredixxa lil Zbaida; tah zewg daqqiet bis-sikkina (li kellha daqs bejn sitt u tmien centimetri) sempliciment il-ghaliex wara li l-imputat xorob mill-flixkun ta’ l-inbid ta’ Zbaida u ghazel li jkissru, u kif Zbaida baqa’ jsegwih biex jinsisti mieghu illi jixtrielu inbid iehor, huwa fattur impressjonanti immens.

Illi di piu mix-xhieda tac-certifikati ta’ l-ezebitti tal-process kif awtentikati mit-tobba, b’referenza specifika ghar-relazzjoni Dok.MX ta’ Dr. Mario Xerri, il-Qorti ssib illi l-griehi ta’ l-imputat kienu dawk ta’ natura hafifa, u l-Qorti taghraf ukoll kif filfatt stqarr, l-istess, Dr. Mario Xerri, illi l-griehi estensivi fuq dirghajn Zbaida ser ihallu cikattrici permanenti u vizibli fuq l-istess.

Illi l-Qorti rat illi l-imputat gie akkuzat taht l-Artiklu 214 u 218 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ahhar Artiklu jitratta fuq offiza gravi, u punibbli minn disa’ xuhur u disa’ snin jekk “Iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew wahda **mill-idejn ta’ l-offiz.”**

Illi mill-provi kollha ta’ din il-kawza, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi l-griehi ta’ Salem Zbaida huma ffukati **fuq id-drieghi** tax-xellug mill-ispalla sal-minkeb ta’ l-istess Zbaida. Il-Ligi titkellem biss fuq, “Idejn”, u l-Qorti tifhem li dawn ifissru, li dik il-parti ta’ l-idejn sal-polz li hija parti tal-gisem li hija dejjem vizibbli anka meta wiehed jilbes qmis bil-komma twila.

Ghaldaqstant ma jidhirx illi l-akkuza ta’ griehi gravi hija ppruvatha skond il-Ligi.

Certament pero, giet ippruvata sal-livel probatorju rikjest fil-kamp kriminali, l-akkuza ta’ griehi ta’ natura hafifa, permezz ta’ strument illi jaqta’ jew bil-ponta.

Inoltre il-akkuzi tal-hsarat volontarja fuq il-karozza ta’ Loraine Galea hija ppruvatha skond il-ligi u ammont tal-hsarat cioe Lm460.20 giet ippruvatha, mhux biss biex xhieda ta’ l-istess sid il-karozza izda wkoll ta’ l-istima li giet ezebita.

Ghar-rigward tat-tieni akkuza l-prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova, bla dubju dettat mir-raguni, l-fatt li l-imputat ma kellux il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm strument li jaqta’ u bil-ponta.

L-imputat huwa ukoll mixli bir-raba akkuza rigward l-ghajjat u l-glied. Din l-akkuza wkoll hija ppruvata skond il-ligi, infatti kien l-istess ghajjat u glied tal-imputat illi hegget in-nies u l-gara tal-kwerelant Zbaida sabiex icemplu ghall-assistenza tal-pulizija.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza, tat-tielet akkuza, fir-rigward biss tal-hsara fuq il-karozza FBL 652 u tiddikjara l-procedimet ezawrit ghar-rigward il-hsarat fuq il-vettura JAM 358 u hati tar-raba’ akkuza, waqt li l-hames akkuza hija kompriza u involuta fir-raba’ akkuza, u wara li rat l-Artiklu 214, 215, 221(1)(2), 325, 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artiklu 13 tal-Kap.66 kif sostitwit b’Artiklu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal-sena’ prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti inoltre tordna illi l-imputat ghandu jhallas is-somma ta’ LM460.20 (ekwivalenti ghal 1071.98 Ewro) lil Lorraine Galea li ghandhom jithallsu b’rati mensili fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------